FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' NOVEMBRU 2000

PULIZIJA

SPETTUR DOMINIC MICALLEF

VS

PAUL BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Borg ta' 46 sena imwieled Pieta fid-9 ta' Frar 1954 iben il-mejjet John u Carmen nee Farrugia li joqghod Numru 210 Triq il-Kanun, Sta Venera detentur tal-karta tal-identita 182654M talli fl-24 t'Awissu 1998 u/jew fil-granet ta' qabel wettaq serqa ta' cardphone mill-kiosk installat fil-Hamrun Housing Estate liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-Lm1000 ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom.

Talli fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom liema ammont huwa izjed min hames mitt lira.

Talli fis-17 ta' Settembru 1998 u/jew fil-granet ta' qabel wettaq serqa ta' cardphone mill-kiosk f'Misrah il-Barrieri Sta Venera liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix Lm1000 ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom.

Talli fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom liema ammont tal-hsara huwa izjed min hames mitt lira.

Talli fis-26 ta’ Settembru 1998 u/jew fil-jiem ta’ qabel iffalsifika jew biddel telecards mahrugin mill-kumpanija tal-Maltacom, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jw is-sinjal distintivi tax-xoghol tal-mohh, jwe tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, il-marki jew sinjali ffalsifikati jew mibdulin, wkoll jekk min haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, tal-kumpanija Maltacom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Rat Art 261, 263, 267, 278, 279, 280 kap 9 Art 9 kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u dan in vista li l-imputat huwa a first offender u li l-qliegh ma twettaqx mill-imputat.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

A/DEP REG.